**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** — **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (24)

Fl-intervista tal-ġimgħa l-oħra, Joe Borg kellimna dwar sehem l-Isla fit-tiġrijiet tad-dgħajjes qabel il-gwerra u spiċċa jgħidilna li kienet ir-rebħa tal-palju tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa ta' l-1937 li xprunat lill-qaddiefa tal-Isla biex jitħeġġu mill-ġdid u jisfidaw lid-distretti l-oħra għar-rebħ tal-paljijiet l-oħra. Jien u Joe komplejna nitkellmu dwar il-korsa tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa, u f'ħin minnhom staqsejtu jekk Isla rnexxilhiex iżżomm dan il-palju fl-1938:

"... iva ....kienet rebħa meritata li b'riħet tagħha ħeġġet lill-qaddiefa u l-partitarji tagħna jingħaqdu u jorganizzaw id-distrett mill-ġdid ... peress li d-dgħajsa li kien bena l-Guli ma kinitx tajba għal qdif, ordnaw waħda għand l-imgħallem Leli Pule tal-Kalkara ... fil-fatt kienu l-erba' distretti kbar li ordnaw dgħajsa għand l-istess imgħallem ... il-ħasra hi li dawn id-dgħajjes kellhom mankament ... kienu sbieħ fl-għamla tagħhom iżda kienu dojoqfil-poppa...b'daqsxejn saħħa żejda kienu jduru! Minħabba dan il-mankament l-erba' distretti riedu jsibu erba' qaddiefa li kienu kapaċi jikkontrollaw il-qdif waqt l-andament tat-tiġrija b'tali mod, li d-dgħajsa ma tmurx fuq naħa waħda....

*Ma setgħux jirranġaw l-armar?*

"Le, dak iż-żmien ma kinux imissuhom il-Battusi ... kienu jħalluhom kif jagħmilhom l-imgħallem, u kienu jbiddlu l-qaddiefa. Għalhekk, sal-aħħar minuta kienu jippruvaw il-qaddiefa.

"Bejn kull vjaġġ u ieħor kull barklor kien jintalab jagħti qadfa, u minkejja li ppruvaw kemm ippruvaw biex jiffurmaw ekwipaġġ tajjeb ma rnexxielhomx, sakemm ċertu Indri tal-Bajd, li kien jifhem ħafna, u li kien ħabib kbir ta' Salvu Cachia (il-Qaddis), missier Gustu ta' Battajola, li kien wieħed mill-ħabrieka li kienu jieħdu ħsieb jippreparaw id-dgħajjes għat-tiġrija, qallu, biex jitfgħu lil Gorg Caruana ( Bubbli John) li kien għadu żagħżugħ fil-poppa, lil Charlie Caruana fl-irmieġ, lil Leli Micallef (Nanna Klara) fil-pruwa, u bħala nofsier jibagħtu qaddief għajjien, u hawn kien issuġġerixxa lil Charlie Caruana ... u d-dgħajsa armawha b'din il-formazzjoni.




Wenzu Cauchi. Salvu Caruana, Wenzu Attard u Censu Galea - l-ekwipaġġ formiddabli tal-Birgu li rebaħ il-palju ta' bl-Erbgħa fl-1927, 1929, 1930 u 1932

"Issa ġara li dak in-nhar, f'Ras Ħanżir kien marbut il-Cruiser l-HMS London u għalhekk mill-Ponta ħadd ma seta' jara xejn.

"Dak in-nhar kienu ħadu sehem erba' dgħajjes, l-erbgħa li huma miżbugħin suwed bil-Black Lead, u qabel telqu għat-tiġrija, hawn il-Ponta, kulħadd jogħrok id-dgħajsa bil-Pal tal-Bajtar biex tiżloq fil-baħar.

"Peress li kif għedtlek t-tluq ma kienx jidher, fil-Ponta u l-Gardjola waqgħet ħemda kbira, kulħadd eċċitat u jistenna li tidher l-ewwel dgħajsa ... is-sinjal ta' l-ewwel dgħajsa li ħarġet minn wara HMS London kien Abjad b'fax Aħmar ...kienet id-dgħajsa tal-Isla, u hawnhekk tista' timmaġina x'għajjat u ferħ kbir kien hemm il-Ponta.

"F'sentejn wara xulxin erbaħna l-palju tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa - l-aktar palju prestiġjuż ta' kull Regatta ... dak in-nhar, l-Isla għaddiet biċċa sew lid-dgħajjes l-oħra - kien għalina t-tieni palju tal-ewwel tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa ..."

*Jingħad li l-Isla wara l-gwerra kienet l-aħjar distrett tar-Regatta ... kienet l-aħjar għax kellha l-aħjar qaddiefa fil-kanal jew għax id-distretti l-oħra ma kinux armati daqsha?*

"... ħafna mill-qaddiefa li kellna qabel il-gwerra kienu kibru, iżda kienu għadhom fl-aqwa tagħhom...barra hekk aħna kważi ma tlifna xejn mill-opri li kellna ... wara l-gwerra magħna kien hemm il-Marsa u l-Birgu ... Marsamxett ħadet sehem f'żewġ korsi waqt li Bormla ma ħaditx sehem ... l-opri tat-tiġrija tagħna, matul il-gwerra kienu f'maħżen il-Ponta li kien magħruf bħala ta' Nofs Kenur għax hekk kienet l'għamla tiegħu ... fih kellna l-Ferilli u dgħajjes.

"Il-Kajjikki t-Twal kienu f'maħżen ieħor qrib fejn kienet toqgħod nanntek ... fih kien hemm erba' Kajjikki, fosthom San Pietru u Saint Anthony ... kif għedtlek, ir-rebħa tal-palju ta' bl-Erbgħa qabel il-gwerra għenet ħafna biex id-distrett tagħna jiġi organizzat mill-ġdid.

"Veru li ma tlifniex opri, iżda kien hemm bżonn manutenzjoni kbira għal xi wħud minnhom ...aħna kellna żewġ dgħajjes ...il-Fancy (il-ħafifa) li kienet inbniet minn Pule u l-Kavetta li nbniet mill-Guli

"Il-Marsa u l-Birgu ma kienux lesti li jaqdfu magħna jekk aħna nġerru bil-Fancy, u għalhekk konna ġerrejna bil-Kavetta, iżda xorta waħda d-dwana kienu tawna ċans li nieħdu sehem bil-ħafifa f'kategorija oħra li kienu ntroduċuha għal dik is-sena biss, u li fiha kien ġerra zijuk Kieli.

"L-ekwipaġġ tal-Kavetta kien iffurmat minn Leli Micallef (Nanna Klara) (pruwa), Lorry Caruana (irmieġ), Salvu Formosa (Pa Salv) (nofsier) u Gorg Caruana (Bubbli John) (poppier)

"Il-Marsa kienet tatna tiġrija iebsa. Waslet is-sena ta' wara u sibna li ma kellniex dgħajsa biex nikkompetu magħhom, peress li kemm il-Marsa kif ukoll il-Birgu kienu ordnaw dgħajsa ġdida.

"L-Isla wkoll ordnat waħda għand il-Guli ( Vittoria) ... dik is-sena ntlagħbu ħafna flus fuqhom ...tagħna kienu għaddewhom fl-aħħar ...dak in-nhar il-Birgu tilfu balla flus ... imbagħad f'daqqa waħda tfaċċaw il-Kalkara.

"Il-Kalkara kellhom lil Koj li kien jagħmel li jrid ... kien żmien meta bdejna nosservaw li Ġorġ Caruana (Bubbli John) beda jgħejja, beda jaqdef bil-palata warajh,u b'hekk id-dgħajsa kienet tnaqqas mill-mixi

"Gustu Cachia ( Battajola) kien qallu li bil-mod kif kienu qegħdin jaqdfu ma kinux se jirbħu u lanqas jitilgħu ... qabeż in-Nana Klara u qallu, 'li aħna bħal ħmar, meta naraw l-istalla nimxu' ... niftakar f'dik it-tiġrija tagħna kienu ħarġu bħas-soltu b'saħħa kbira, iżda fin-nofs kellhom il-Pa Salv, li ma kien iċedi lil ħadd, dawwar lil Ġorġ għal darba tnejn ...

*Min kien imexxi d-distrett tal-Isla wara l-Gwerra?*

"Ddak iż-żmien, il-Ponta kien hemm diversi ħabrieka, għaliex il-kumitati kienu għadhom ma jeżistux.

"L-ewwel kumitat sar wara fl-1953. Niftakar lil Ġużeppi Formosa (In-Niger) Salvu Mizzi (il-Pajsu) , zijuk Kieli Degiorgo (Favett), Gustu Cachia (Battajola) u missieri kien jaħdem wara l-kwinti ... Gorġ Caruana (Bubbli John) kellu Frejgatina li fiha kienu jġerru Barbara u Peppi t-tifel ta' ħuh ... u Toni Ellul (il-Koj) kien jagħmel li jrid b'ta' Bi Tnejn.

"Dak iż-żmien, l-Isla kienu rreġistraw żewġ Frejgatini, u peress li d-dwana żewġ opri ma jġerrihomx, Gustu kien talab lil missieri biex hu jirreġistra l-Frejgatina tiegħu biex tieħu sehem għat-tġrija, iżda jien ma qbiltx miegħu, u għedt lil missieri biex lil Barbara jitfgħuh f'ta Bi Tnejn ma' Toni Farrugia (ż-żbiba), u hekk ġara.

"Huma ġerrew bil-Kavetta u għaddew lil Toni Ellul (il-Koj) li kellu miegħu lil Joe Batler ... dak in-nhar il-Koj ma niżżilx lil missieru ... meta wara rani Ġorġ, li mill -bixra ta' wiċċu deher inkwetat ħafna għax tilef il-palju tal-Frejgatini, ... u kont għedtlu 'Ġorġ mhux aħjar ħadna l-palju ta' Bi Tnejn milli tal-Frejgatina ... kien l-ewwel darba li rbaħna dan il-palju.

Iżda sfortunatament wara, Barbara ma riedx jaqdef aktar f'ta Bi Tnejn imma baqa' jaqdef fil-Frejgatini.